# Is-Sur Joseph J. Vella
# Il-Ħames President
## 8/1/1938 - 31/8/1941


Sur Joseph J. Vella

Is-Sur Joseph J. Vella twieled ix-Xewkija fil-15 ta' Frar 1917. Missieru kien Frangisk Vella mix-Xewkija u ommu Marija Azzopardi.

Ta' ħdax-il sena c-ckejken Gużeppi beda jistudja l-arti mużikali u l-istrument favorit tiegħu kien il-klarinett. Kien jistudja l-mużika taħt idejn Mro Indri Borg u kien isib hin sabiex jistudja l-mużika avolja kien ikollu ħafna studju ieħor ta' l-iskola. Kien wieħed mill-ewlenin bandisti tal-Banda Prekursur u kien ukoll is-solista bil-klarinett fil-banda. Kien imharreg tajjeb u kien joqgħod jistudja ghal sighat shah. Mro Indri Borg dejjem inkariga lilu sabiex jagħmel xi solo bil-klarinett. Niftakar darba waħda fi programm li kellha l-Banda, It-Tokk, ir-Rabat ta' Għawdex, Gużeppi kellu parti ta' solista bil-klarinett f'bicca mużika "Carnivale di Venezja". Tant ħarġet tajjeb u preciża li qala' applawsi kbar mill-folla preżenti. Fit-8 ta' Jannar 1938 gie mahtur president tal-Banda Prekursur u dam f'din il-kariga sal-31 ta' Awissu 1941 meta l-Banda kellha tieqaf mill-attivitajjiet tagħha mħabba l-gwerra. Wara r-rinnovazzjoni tal-Banda s-Sur Joseph J. Vella gie mahtur unanimament bħala President Onorarju għal għomru.

Is-Sur Joseph Vella kiteb il-kliem ta' żewġ Innijiet lill- Banda Prekursur sabiex jindaqqu fil-festa tat-Twelid ta' San Ġwann Battista, dawn iż-żewġ innijiet huma "F'dan il-Jum ta' Milied Sajfi" u "F'dan il-Għid minn ta' Twelidek". L-ewwel wieħed jindaqq bħala innu marc popolari filwaqt li l-ieħor jindaqq bħala innu marcja Reliġjuż ghall-purcissjoni. Il-mużika ta' dawn iż-żewġ innijiet hija ta' Mro Vincenzo Ciappara. Barra minn dawn iż-żewġ innijiet is-Sur Joseph Vella kiteb innu Lill Iskola tax-Xewkija 28/2/1966 mużika ta' Mro Nazzareno Refalo, Innu Lil San Ġwann 1978 mużika ta' Mro Joseph Farrugia u diversi poeżiji fuq San Gwann u kiteb ukoll il-Ballata tax-Xewkija li kienet suċċess.

Is-Sur Joseph J. Vella ħa l-edukazzjoni tiegħu l-iskola primarja tax-Xewkija, il-Liceo tar-Rabat ta' Ghawdex u wara l-Kulleġġ ta' Flores, illum il-Kulleġġ ta' St. Albert, il-Belt. Fis-sena 1938 laħaq għalliem fl-iskola tal-Gvern tax-Xewkija, għaxar snin wara ġie mibgħut l-Universita ta' Liverpool, l-Ingilterra fejn għamel kors tal-ilsien Ingliż. Wara sar assistent kap fl-iskola tal-Qala u ta' Sannat Għawdex. Fis-sena 1957 kien minn ta' l-ewwel f'eżami biex imur għall-kors ta' head master, Londra. Is-sena ta' wara gie maħtur kap ta' l-iskola tax-Xewkija u dam f'din il-kariga sakemm irtira mis-servizz. Dam kap ta' l-iskola fix-Xewkija għal 22 sena sħaħ. F'din l-iskola ħadem kemm felaħ sabiex igib din l-iskola 'l quddiem u kien akkanit mhux biss fit-tagħlim imma anke fl-isports.

Is-Sur Joseph Vella ħadem u stinka kemm felaħ sabiex jara x-Xewkija fuq quddiem speċjalment fl-edukazzjoni. Hu dejjem saħaq kemm felaħ biex it-tfal jitgħallmu l-arti mużikali. Għalkemm huwa kien joqgħod r-Rabat qalbu kienet marbuta max-Xewkija u f'kull okkażjoni kont tarah minn ta' l-ewwel. Jalla jkollna nies patrijotti bhas Sur Joseph Vella.

Joseph Vella ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar is-sibt 11 ta' Ottubru 2003 fil-għomor ta' sitta u tmenin sena. Il-kumitat tal-banda prekursur akkumpnjah fil-funeral li sar l-għada l-Ħadd 12 ta' Ottubru 2003 bl-istandard tal-Banda Prekursur mgeżwer fil-kripp mid-dar tiegħu sal-knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex. Kulħadd sogħobbih għal dan il-bniedem patrijott Xewki li tant ħadem u stinka għar-raħal tax-Xewkija. Is-Sinjur Alla jkollu ħniena minn ruħ il-qaddej tiegħu Joseph u jagħtih il-glorja u l-mistrieħ ta' dejjem.

***M. Angelo Camilleri***
*Bandist Xewki*